16 ta' Diċembru, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Cuschieri et.

**Forn — Liċenza — Inkonvenjent — "Nuisance" u "Annoyance" — Bon Viċinat — Appell — Art. 115 (b) tal-Kap. 13.**

*Il-fatt li wieħed ikollu liċenza tal-Pulizija biex iżomm forn ma jeżimihx mir-responsabilità li għandu skond il-Liġijiet tal-Pulizija li juża dak il-forn b'mod li ma jdejjaqx jew li ma jkunx ta' inkonvenjent għall-ġirien. Anzi hija kondizzjoni insita fil-liċenza, bla ebda bżonn li tiġi espressament enunċjata, illi l-użu awtorizzat għandu jkun skond u fil-limiti tal-liġi; u l-liċenza ma tippreġudikax id-dritt tat-terzi, li huwa protett mill-liġi.*

*Biex tkun indotta responsabilità ċivili hemm bżonn li tiġi eċċeduta l-miżura ta' bon viċinat li r-rigwardi tagħha jimponu li tiġi formalment rispettata; mentri biex tiġi ndotta responsabilità kriminali hemm bżonn li l-fatt ikun tali li jikkostitwixxi "nuisance"; jiġifieri li l-inkonvenjent ikun gravi u mhux faċilment tollerabili. Każijiet ta' inkonvenjent ħafif ma jaqgħux taħt is-sanzjoni penali.*

*Barra n-"nuisance" il-liġi ssemmi wkoll l-"annoyance". "Nuisance" huwa dak l-inkonvenjent li jolqot mil-lat materjali, mentri l-"annoyance" tolqot il-lat morali.*

*Meta l-Maġistrat ikun illibera, u l-Prosekuzzjoni tappella għax tallega illi l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata ta' l-ipoteżi tal-liġi, ma hix aċċettabili l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità tas-sentenza.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imsemmijin Cuschieri u Galea ġew imressqin quddiem il-Qorti Kriminali ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi tas-Sliema, f'dawn l-aħħar tliet xhur, wara li ġew avżati mill-Pulizija, ħafna drabi għamlu użu minn forn f'post abitat, b'mod li jdejqu u b'inkonvenjenza tal-ġirien;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Novembru 1946, li biha huma ġew liberati;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General, li bih appella u talab li s-sentenza "de qua" tiġi revokata, li l-imputati jiġu dikjarati ħatjin, u kundannati skond il-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni tad-difiża li s-sentenza hi inappellabili għall-Prosekuzzjoni, għaliex il-Maġistrat iddeċieda u llibera mhux fuq il-fatt kif sempliċement dedott, imma fuq il-fatt kif pruvat, ma hijiex attendibili; għar-raġuni illi l-Prosekuzzjoni qiegħda tappella in bażi għall-allegata enunċjazzjoni żbaljata mill-Ewwel Qorti ta' l-ipotesi tal-liġi. U verament hu hekk; għaliex il-fatt li bniedem ikollu l-liċenza tal-Pulizija ħalli jżomm forn ma jeżimihx mir-responsabilità tiegħu taħt l-art. 115 (b) Kap. 13, li jipprojbixxi l-użu ta' forn b'mod li jkun idejjaq jew ta' inkonvenjent lill-ġirien; anzi hi kondizzjoni insita fil-liċenza, bla ebda bżonn li tiġi espressament enunċjata, li l-użu awtorizzat għandu jkun skond u fil-limiti tal-liġi, u l-liċenza ma tippreġudikax d-dritt tat-terzi li jkun protett mill-liġi (ara App. Ċiv. "Bugeja vs. Washington", 5 ta' Mejju 1897, Pres. Sir Joseph Carbone);

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi l-Imħallef sedenti hu ta' fehma illi l-inkonvenjent imsemmi fid-dispożizzjoni fuq ċitata, li jissenja l-limiti ta' l-użu awtorizzat, għandu jiġi nterpretat kif dejjem ġie nterpretat il-każ analogu ta' molestja f'kawżi ċivili "in pari materia". Infatti jekk, biex tkun indotta responsabilità ċivili, hemm bżonn li tiġi eċċeduta l-miżura li rigwardi ta' bon viċinat jimponu li tiġi normalment rispettata, biex tiġi ndotta responsabilità kriminali hemm bżonn li l-fatt ikun tali illi jikkostitwixxi "nuisance", jiġifieri, kif ingħad fil-kawża "Walter vs. Selfe" (1851), ċitata fil-ktieb "Words and Phrases Judicially Defined" by Burrows, Vol. III, page 524, "substantial inconvenience and material discomfort". Għalhekk hemm bżonn li l-inkonvenjent ikun "gravi" u "mhux faċilment tollerabili" (App. Ċiv. "Meli vs. Calleja", 5 ta' Frar

1908, Pres. Sir Joseph Carbone), u li dan l-inkonvenjent ikun "kontinwu u intens". Jekk ma jirrikorrux dawn l-elementi, allura ma jidherx li l-każ jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi, għaliex kieku din kienet tikkolpixxi anki l-każijiet ta' inkonvenjent ħafif, allura l-ħajja soċjali kienet tkun kważi impossibili. Qal tajjeb a propożitu l-Imħallef Ingliż Pollock :— "The compromises that belong to social life, and upon which the peace and comfort of it mainly depend, furnish an indefinite number of examples where some apparent natural right is invaded, or some enjoyment abridged, to provide for the more general convenience or necessities of the whole community" (Bamford vs. Turnley, 1862, 3 B. & S. 66, pp. 79, 80—Op. ċit., paġ. 525, Vol. 3);

Issa, f'dan il-każ, fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma wasletx biex tipprova illi l-inkonvenjent hu gravi jew mhux faċilment tollerabili, jew li hu kontinwu u intens. Il-prova li hawn hi biss ta' okkażjonijiet sporadiċi, li fihom niżel xi negrofum fil-post ta' Axisa, u fl-istabbiliment ta' Camilleri li qiegħed fil-bitħa ta' Axisa, u għalhekk hu ħaġa waħda miegħu. Lanqas saret xi prova illi l-forn, wieħed jew l-ieħor, hu mibni ħażin b'mod li jikkaġuna nkonvenjent li, kieku jiġi rimedjat id-difett, jista' jiġi evitat. Din iċ-ċirkustanza, kieku pruvata, kienet tikkostitwixxi weħedha prova tal-kontravvenzjoni, għaliex kienet taqa' taħt l-ewwel parti tal-lokuzzjoni tal-liġi fejn tirriferixxi għall-użu f'mod tali li jdejqu l-ġirien, u ċertament użu ta' forn b'difett li jista' jiġi ovvjat hu użu b'mod tali li jdejqu l-ġirien;

Din il-prova ma tistax issir issa, f'din is-sedi; għaliex fl-appell, in linja ta' massima, il-ġudikant għandu jara jekk il-Maġistrat iddeċidiex sewwa jew ħażin fuq il-provi li kellu quddiemu, u mhux jistruwixxi l-kawża mill-ġdid. Kien ikun ħaġa faċili u sewwa kieku l-Pulizija prosekutriċi, fl-ewwel istanza, talbet in-nomina ta' espert biex jikkonstata kienx hemm xi difett fil-forn wieħed jew l-ieħor li qed jikkaġuna l-emissjoni żejda tan-negrufum jew id-devjazzjoni tiegħu f'direzzjoni ndebita, u anki biex, f'każ affermativ, jissuġġerixxi x'rimedju hu rakkomandabili u x-xogħol li jista' jsir biex jiġi attwat ir-rimedju — konstatazzjoni meħtieġa sabiex il-Qorti, kieku kien il-każ, tordna r-rimozzjoni ta' l-inkonvenjent skond

il-liġi. Diversi infatti huma r-rimedji possibili f'dina l-materja, bħal, per eżempju, l-innalzament jew, jekk ikun il-każ, l-abbassament taċ-ċumnija, jew il-kollokament ta' kuperċ ta' forma konika fuq iċ-ċumnija, jew il-kostruzzjoni ta' rpar — kif wieħed jista' jara mis-suġġerimenti tat-tekniċi adoperati fil-kawża "Ferro vs. Borg", 25 ta' Frar 1899, P. Awla, sedenti l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino. Kif ingħad, mhux ekwu li din il-prova ssir f'din is-sedi u wara l-liberatorja ta' l-imputat fl-ewwel istanza; istruzzjoni "ex novo" turta l-prinċipju ta' liberalità, li għalih hi ndubbjament ispirata l-leġislazzjoni kriminali maltija. S'intendi, l-interessati jistgħu dejjem, b'istruzzjoni aktar ampja u preċiża tal-każ tagħhom, jirrikorru lit-tribunal ċivili, jekk jidhrilhom li għandhom jedd għar-rimozzjoni ta' l-allegat inkonvenjent b'rimedji "civiliter";

Hu veru illi l-liġi, fl-art. 115 fuq imsemmi, tuża espressjoni dupliċi "nuisance" u "annoyance". Hu veru wkoll illi l-ġurisprudenza ingliża bir-raġun għamlet distinzjoni bejn "nuisance" u "annoyance", fis-sens illi "annoyance is a wider term than nuisance" (op. ċit. paġ. 526). Imma f'dan il-każ il-fattispeċje hi ta' "nuisance", mhux ta' "annoyance", għaliex mentri l-ewwel waħda hija "interference with personal jew material comfort", ossija "injury to property", it-tieni hija pjuttost dak li "reasonably troubles the mind of a person". Issa l-emissjoni ta' negrofum hi pależament ħaġa li tolqot il-lat materjali, u mhux il-lat morali. Għalhekk għandu korrettament jitqies, għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, is-sens aktar ristrett tal-kelma "nuisance" milli dak aktar estiż tal-kelma "annoyance";

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi, fis-sens premess, tiċħad l-appell u, għalkemm fuq raġuni oħra (dik ta' reità mhux soddisfaċentement pruvata) tikkonferma s-sentenza appellata.

---

**Tmiem tal-Volum XXXII.**

---